ĦAL QORMI
Citta' Pinto

# MINUTI

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)    IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 44    IT-TNEJN, 14 TA' MEJJU 2018**

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu,li jinsab fl-indirizz 392, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, nhar it-Tnejn, 14 ta' Mejju 2018 fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Għaxar Kunsilliera)**

Jesmond Aquilina – Sindku
Bjorn Azzopardi – Viċi Sindku
Ralph Puli – Kunsillier
Jerome Caruana Cilia – Kunsillier
Renald Falzon – Kunsillier
Josef Aquilina – Kunsillier
Martina Brancaleone - Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Antoine Saliba Haig – Kunsillier
Daniel Bugeja - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Robert Reno Cremona – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kenneth Brincat – Segretarju Eżekuttiv
Mattea Sghendo – Ambaxxatur taż-Żagħżagħ

**MINUTI**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ippresjeda il-laqgħa.

Is-Sindku beda billi qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.lc.gov.mt.

**44/01 QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJI**

**44/01/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv** qara l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Robert Reno Cremona li ma setax jattendi l-laqgħa minħabba impenji tax-xogħol. Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza kienet għal raġuni ġustifikata u għaldaqstant m'għandux jsir nuqqas fl-*allowance*.

**44/02/01 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 43**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 43 li nżammet nhar l-Erbgħa 25 ta' April 2018, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Daniel Bugeja issekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 43 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**44/03 MISTOQSIJIET LIS-SINDKU**

Ma kienx hemm mistoqsijiet lis-Sindku.

**44/04 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**44/04/01** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** informa lill-Kunsill li saret laqgħa bejn is-Segretarju Parlamentari Dr Clifton Grima għaqdiet li wrew interess fl-art li hemm bejn in-Nylon Knitting u l-monument tal-Vittmi tal-Gwerra, u li għaliha attenda l-Kunsillier Renald Falzon bħala rappreżentant tal-Kunsill. Il-Kunsillier Falzon informa li fil-laqgħa ġie deċiż bejn l-għaqdiet biex il-parti t'isfel tinqasam bejn l-Iscouts u l-GhKnK Qriema, filwaqt fil-parti fejn hemm il-bandli u fitness

area tinqasam bejn il-klabb tal-Ħamiem u l-Qormi Atheltic Club. Wara l-laqgħa il-Kunsill oġġezzjona bil-miktub dwar il-fatt li ġiet inkluża iż-żona tal-bandli u l-fitness area, fejn il-Kunsill isostni li dawn għandhom jibqgħu kif inhuma għall-użu pubbliku u jekk Sport Malta ma għandiex ir-riżorsi li tieħu ħsieb il-manutenzjoni tagħhom, il-Kunsill lest li jeħodha hu, filwaqt li l-għaqdiet jagħmlu użu kollha kemm huma mill-art li hemm bħalissa mhux żviluppata.

**44/04/02** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill it-tiġdid tal-ftehim li hemm bejn l-Qormi Badon Powell Scouts u l-Kunsill dwar l-użu tal-kamra li hemm fi Ġnien l-Armier. Il-Kunsill approva li dan jiġi estiż għal sentejn oħra. **DOK "A1"**

**44/04/03** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq korrispondenza minn resident dwar inċident li seħħ fi Ġnien Federico Maempel fejn tifel ħabat rasu mal-pedestall tal-monument Indri Brincat. Is-Sindku Jesmond Aquilina informa lill-Kunsill li l-Kunsill diġa talab lill-perit tal-Kunsill jagħmel rapport dwar jekk dan il-monument hux qed joħloq periklu u jekk fl-affirmattiv x'jista jsir. **DOK "A2"**

**44/04/04** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq l-applikazzjoni għal tpoġġija ta' tlett *Bill-boards* fi Ġnien De La Cruz, perezz li dan il-Ġnien huwa devolut lill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li skont il-*Bye-Laws* eżistenti l-kuntrattur se jkun qed iħallas miżata ta' madwar Eur2,000 fis-sena għal kull bill-board filwaqt li l-kuntrattur offra li jagħti riklam b'xejn fis-sena għal kull bill-board. Il-Kunsill approva li joħroġ il-permess bil-kundizzjoni li jkun hemm penali ħorox f'każ li jsiru xi modifiki fis-siġar, infrastruttura jew għamara tat-triq. Il-Kunsill qabel li l-permess joħroġ għal tlett snin u li fit-terminu ta' dan il-perjodu jiġi mġedded annwalment.
**DOK 'A3'**

**44/04/05** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** informa lill-Kunsill li fil-ġimgħat li ġejjin se jitkompla l-programm ta' bdil ta' bankini u dan se jkompli billi ssir Triq Ġuże Galea u partijiet minn Triq San Edwardu.

**44/04/06** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** informa lill-Kunsill li l-iffirmar tad-Devoluzzjoni tal-Mitħna se ssir proprju f'Jum Ħal Qormi fil-25 ta' Mejju u ċ-ċerimonja se ssir flimkien mat-tnedija tal-bolli kommemorattivi.

**44/04/07** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq l-applikazzjoni

PA5491/06 fejn b'sodisfazzjoni l-Kunsill innota li sar miljorament fi Triq it-Tiġrija. Il-Kunsill qabel li jżomm l-istess pożizzjoni tiegħu li kien bagħat preċedentament lill-Awtorita' tal-Ippjanar.

**44/05 RAPPORTI**

**44/05/01 APPROVAZZJONI TAR-RISPOSTA GĦALL-ITTRA TA' DIREZZJONI**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lis-Segretarju Eżekuttiv jressaq l-ittra ta' Direzzjoni tal-Awditur kif ukoll r-risposta tal-Kunsill, liema dokumenti ġew iċċirkolati preċedentament mal-Aġenda. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li din l-Ittra ta' Direzzjoni turi kemm il-Kunsill jaħdem b'governanza, effiċjenza u bil-għaqal, fejn il-punti li ssemmew, ħafna minnhom mhumiex fil-kontroll tal-Kunsill filwaqt li oħrajn huma dwar nuqqasijiet minuri.

**DOK 'B'**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq mozzjoni biex il-Kunsill japprova r-risposta tal-Ittra ta' Direzzjoni.

**Il-Kunsilier Ralph Puli** issekonda.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsillier (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.**

**44/06 RAPPORTI KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

**44/06/01 RAPPORT MILL-KUNSILLIERA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lill-kunsilliera biex permezz ta' din il-materja, l-Kunsilliera jressqu rapporti u kummenti dwar il-ħidma tagħhom.

**Il-Kunsillier Daniel Bugeja** tkellem dwar seminar li huwa attenda f'isem il-Kunsill bit-titlu Civitas Mobilitas, liema

seminar inkluda l-proġett li għamel il-Kunsill dwar Smart Parking Availability System. Il-Kunsillier Daniel Bugeja issuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel working group biex jiġu diskussi xi ideat innovattivi dwar xi proġett relatat mat-traffiku u/jew parkeġġ li jkun jista' jiġi propost lil Trasport Malta għall-fondi minn taħt dan il-programm. Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-Kunsillier.

**Il-Kunsillier Daniel Bugeja** tkellem ukoll li se jiġi organizzat kors tal-First Aid. Il-Kunsill qabel *nem.con*.

**44/07 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' APRIL 2018**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' April 2018, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

**DOK 'C1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' April 2018
**b)** *Bank Payments* April 2018
**c)** *Petty Cash* April 2018

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** issekonda.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**44/08 MOZZJONIJIET**

**44/08/01 MOZZJONI 80/2018 (VIII)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Nipproponi li għal-lejlet il-Festa u nhar il-Festa ta' San Ġorġ u ta' San Sebastjan ilKunsill jieħu ħsieb li jkun hemm il-preżenza ta' Ambulanza fil-viċinanzi ta' fejn jinħaraq in-Nar,*

*b'dawn il-ħinijiet matul iż-żewġ festi; Is-Sibt - Mis-6.30p.m. sal-12.30a.m. u l-Ħadd – Mis-6.30p.m. u l-10.30p.m. L-ispiza għal dan is-servizz hija ta' € 700.*

**DOK 'D1'**

**Il-Kunsillier Renald Falzon** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 80/2018. Il-Kunsill iddeċieda wkoll biex din ir-riżoluzzjoni tkun policy tal-Kunsill u m'hemmx għalfejn li titressaq mozzjoni kull sena dwarha.

**44/08/02 MOZZJONI 81/2018 (VIII)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lill-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi iressaq din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Fid-dawl ta' lmenti kontinwi mir-residenti tal-madwar Triq San Bartolomew u Triq Santa Marija dwar rimi ta' skart fil-kantuniera ma' Triq Santa Marija kif jixhed ir-ritratt anness,*

*U wara li l-Kunsill kemm il-darba informa lir-residenti tal-madwar permezz ta' ittri sabiex ma jintremix skart f'din il-kantuniera partikolari,*

*U fid-dawl li fix-xhur li ġejjin il-Kunsill Lokali Qormi se jkun qed iwettaq il-proġett infrastrutturali tal-Pjazza ta' San Bastjan fi Triq San Bartolomew quddiem il-Knisja ż-Żgħira,*

*Nipproponi li kif sar f'diversi zoni oħra madwar Ħal Qormi, jiġu installati CCTV cameras sabiex dan l-abbuż jinqata u nipprotegu x-xogħol ta' tisbiħ li se jsir fil-pjazza fix-xhur li ġejjin.*

**DOK 'D2'**

**Il-Kunsilier Ralph Puli** issekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 81/2018, iżda

se jkun qed jevalwa l-possibilta’ li din is-CCTV li titwaħħal f’din il-pjazza tkun li tagħti ċ-ċitazzjonijiet u allura mmoniterjata mill-LESA.

**44/09 AĠĠORNAMENT**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina aġġorna il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 4 ta' Ġunju 2018 fis-6.30 ta’ filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-7:35 ta’ filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina<br>Sindku | Kenneth Brincat<br>Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti kkonfermati llum 4 ta’ Gunju 2018.**